31973R1014

20.4.1973 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 106/1

# IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 1014/73 TAL-KUNSILL
## tas-27 ta' Marzu 1973
## li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 827/68 u li jagħmel emendi konsegwenzjali għar-Regolamenti Nru 1009/67/KEE, (KEE) Nru 950/68 u (KEE) Nru 2358/71

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikoli 42 u 43 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Billi, minħabba li l-lista ta' prodotti fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 827/68 [1] dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' ċerti prodotti elenkati f'Anness II tat-Trattat, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2727/71 [2], ġiet emendata diversi drabi minn mindu daħal fis-seħħ, huwa mixtieq li tiġi kkonsolidata din il-lista; billi din il-konsolidazzjoni teħtieġ li jsiru emendi fir-Regolament tal-Kunsill Nru 1009/67/KEE [3] tat-18 ta' Diċembru 1967 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiz-zokkor, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 174/73 [4], ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71 [5] tas-26 ta' Ottubru 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żrieragħ, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 [6] tat-28 ta' Ġunju 1968 dwar it-tariffa doganali komuni, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 231/73 [7],

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-lista fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 827/68 għandha tinbidel bil-lista annessa ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

F'Artikolu 1(1)(e) tar-Regolament Nru 1009/67/KEE, in-numru tat-Tariffi Doganali Komuni "ex 23.03" għandu jinbidel bin-numru "23.03 B I".

*Artikolu 3*

F'Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71, in-numru tat-Tariffi Doganali Komuni u d-deskrizzjoni "ex 07.05, Ħxejjex leguminużi mnixxfa għaż-żriegħ" għandu jiġi mibdul b'dan li ġej: "07.05, Ħxejjex leguminużi mnixxfa, bil-qoxra, sew jekk imqaxxra jew maqsuma u sew jekk le: A. Għaż-żriegħ".

*Artikolu 4*

Ir-Regolament (KEE) Nru 950/68 għandu jiġi emendat skond Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1973.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Marzu 1973.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. LAVENS

---

(1) ĠU No L 151, tat-30.6.1968, p. 16.
(2) ĠU No L 282, tat-23.12.1971, p. 8.
(3) ĠU No 308, tat-18.12.1967, p. 1.
(4) ĠU No L 25, tat-30.1.1973, p. 1.
(5) ĠU No L 246, tal-5.11.1971, p. 1.
(6) ĠU No L 172, tat-22.7.1968, p. 1.
(7) ĠU No L 28, tal-1.2.1973, p. 3

*ANNESS I*

| Numru tal-insestatura TDK | Deskrizzjoni tal-oġġetti |
|---|---|
| 01.01 | Żwiemel ħajjin, ħmir, bgħula tar-rkib |
| | A. Żwiemel: |
| | I. Annimali mrobbija b'mod pur ([a]) |
| | II. Oħrajn |
| | B. Ħmir |
| | Ċ. Bgħula tar-rkib |
| 01.02 | Annimali ħajjin tal-ispeċi bovina: |
| | A. Speċi domestiċi: |
| | I. Annimali mrobbija b'mod pur ([a]) |
| | B. Oħrajn |
| 01.03 | Majjal ħaj: |
| | A. Speċi domestiċi: |
| | I. Annimali mrobbija b'mod pur ([a]) |
| | B. Oħrajn |
| 01.04 | Nagħaġ u mogħoż ħajjin: |
| | A. Speċi domestiċi: |
| | I. Nagħaġ: |
| | (a) Annimali mrobbija b'mod pur ([a]) |
| | II. Mogħoż |
| | B. Oħrajn |
| 01.06 | Annimali ħajjin oħra |
| 02.01 | Laħam u ġewwieni ieħor tal-annimali li jaqgħu taħt it-titolu Nru 01.01, 01.02, 01.03, jew 01.04, frisk, imkessaħ jew iffriżat |
| | A. Laħam: |
| | ex I. Ta' ħmir, bgħula tal-irkib |
| | II. Ta' annimali bovini: |
| | (b) Oħrajn |
| | III. Tal-majjal: |
| | (b) Oħrajn |
| | ex IV. Oħrajn, minbarra laħam tan-nagħaġ tal-ispeċje domestika |
| | B. Ġewwieni: |
| | I. Għall-produzzjoni tal-prodotti farmaċewtiċi ([a]) |
| | II. Oħrajn: |
| | (a) Ta' żwiemel, ħmir u bgħula tal-irkib |
| | ex (d) Oħrajn, minbarra ġewwieni ta' nagħaġ tal-ispeċje domestika |

([a]) Id-dħul taħt din l-intestatura hijja suġġetta għall-kondizzjonijeit li jridu jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti

| Numru tal-insestatura TDK | Deskrizzjoni tal-oġġetti |
|---|---|
| 02.04 | Laħam ieħor u ġewwieni tal-laħam li jittiekel, frisk, imkessaħ jew iffriżat |
| 02.06 | Laħam u ġewwieni tal-laħam li jittiekel (minbarra fwied tat-tjur), immellaħ, fl-ilma mielaħ, imnixxef jew fumigat: |
| | C. Oħrajn: |
| | Ex II. Oħrajn, minbarra laħam u ġewwieni tan-nagħaġ ta' speċi domestici |
| 04.05 | Bajd tal-għasafar u isfar tal-bajd, friski, imnixxfin jew priżervati mod ieħor, kemm jekk ikunu ħelwin u kemm jekk le: |
| | A. Bajd fil-qoxra, frisk jew priżervat: |
| | II. Bajd ieħor |
| | B. Bajd, mhux fil-qoxra; isfar tal-bajd: |
| | II. Oħrajn ([a]) |
| 04.07 | Prodotti li jittieklu li joriġinaw mill-annimali, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor |
| 05.04 | Imsaren, bżieżaq u stonku tal-annimali (minbarra ħut), sħaħ jew biċċiet minnhom |
| 05.15 | Prodotti tal-annimali mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor; annimali mejtin tal-Kapitolu 1 jew tal-Kapitolu 3, mhux tajbin għall-konsum tal-bniedem: |
| | B. Oħrajn |
| 07.05 | Ħxejjex leguminużi mnxxfin, bil-qoxra, kemm jekk imqaxxra jew maqsuma u kemm jekk le: |
| | B. Oħrajn |
| 07.06 | Manjoka, ararut, salep, artiċoks ta' Ġerusalemm, patata ħelwa u egħruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu jew inulina, frisk jew imnixxef, sħiħ jew imqatta; sago pith: |
| | B. Oħrajn |
| 08.01 | Tamal, banana, ġewż tal-Indi, ġewż tal-Brażil, ġewż tal-anakardju, ananas, avokado, mango, gwava u mangostana, friski jew imnixxfa, bil-qoxra jew le: |
| | A. Tamal |
| | D. Avokado |
| | E. Ġewż tal-Indi |
| | F. Ġewż tal-anakardju |
| | G. Ġewż tal-Brażil |
| | H. Oħrajn |
| 08.05 | Ġewż minbara dawk li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 08.01, friski jew imnixxfa, bil-qoxra jew mingħajr: |
| | F. Areka (jew betel) u kola |
| 09.01 | Kafe', kemm jekk mixwi jew meħlus mill-kafeina u kemm jekk le; fosdqa u qxur tal-kafe; sostituti tal-kafe' li fihom il-kafe f'xi proporzjon |
| 09.02 | Te |
| 09.04 sa 09.10 | Ħwawar |

([a]) Id-dħul taħt din l-intestatura hijja suġġetta għall-kondizzjonijeit li jridu jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti

| Numru tal-insestatura TDK | Deskrizzjoni tal-oġġetti |
|---|---|
| 11.03 | Dqiq tal-ħxejjex leguminużi li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 07.05 |
| 11.04 | Dqiq tal-frott li jaqa' taħt xi intestatura tal-Kapitolu 8 |
| 11.08 | Lamtu; inulina; |
| | B. Inulina |
| 12.07 | Pjanti u partijiet (inklużi żrieragħ u frott) tas-siġar, siġar baxxi, xtieli jew pjanti oħra, li jkunu oġġetti tat-tip użati primarjament fil-fwejjaħ, fil-faramaċija, jew għall-insettiċidi, funġiċidi jew skopijiet simili, friski jew imnixxfa, sħaħ, maqtugħin, imfarrka, mitħuna jew f'forma ta' trab |
| 12.08 | Frott tal-ħarrub, frisk jew imnixxef, kemm jekk mitħun bċejjeċ bċejjeċ ħoxnin jew mitħun fin u kemm jekk le, għadam tal-frott u prodotti tal-ħxejjex oħra tat-tip użati primarjament għall-ikel tal-bniedem, li ma jaqgħu taħt ebda intestatura oħra |
| 12.09 | Tiben u fosdqa taċ-ċereali, mhux mħejjija, jew mqatta' imma mhux imħejjija mod ieħor |
| 12.10 | Mangolds, Swedes, egħruq tal-għalf; tiben, lucerne, silla, sainfoin, kaboċċa tal-għalf, lupini, ġulbiena u prodotti simili tal-għalf: |
| | A. Mangolds, swedes, u egħruq oħrajn tal-għalf |
| | Ex B. Oħrajn, minbarra dqiq ta' prodotti ħodor deidrati tal-għalf |
| 15.02 | Grass tal-bhejjem tal-fart, nagħaġ u mogħoż, mhux proċessat; grass proċessat jew estratt bis-solventi (inluż "premier jus") miksuba minn dak il-grass mhux proċessat: |
| | A. Għal użu industrijali minbarra l-manifattura ta' prodotti tal-ikel għall-konsum tal-bniedem ([a]) |
| | B. Oħrajn |
| | III. Oħrajn |
| 15.03 | Xatram, ugrass; xatram toż-zejt, introllot umhux |
| 16.02 | Laħam ieħor preparat jew priżervat jew ġewwieni tal-laħam: |
| | A. Fwied: |
| | I. Fwied tal-wiżża jew tal-papra |
| | B. Oħrajn: |
| | II. Laħam jew ġewwieni tal-annimali tal-kaċċa jew tal-fniek |
| | III. Oħrajn |
| | (b) Oħrajn: |
| | 2. Oħrajn: |
| | (bb) Oħrajn |
| 16.03 | Estratt tal-laħam, meraq tal-laqam u estratt tal-ħut |
| 18.01 | Ful tal-kakaw, sħaħ jew imkissra, naturali jew mixwija |
| 18.02 | Qxur, fosdqa u skart tal-kakaw |
| 22.07 | Xorb ieħor iffermentat (per eżempju ċidru, perry u mead): |
| | B. Oħrajn |

([a]) Id-dħul taħt din l-intestatura hija suġġetta għall-kondizzjonijeit li jridu jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti

| Numru tal-insestatura TDK | Deskrizzjoni tal-oġġetti |
|---|---|
| 23.01 | Dqiq u dqiq mitħun oħxon, tal-laħam, tal-ġewwieni, ħut, krustaċej jew molluski, li m'humiex tajbin għall-konsum tal-bniedem; *greaves* |
| | A. Dqiq u dqiq mitħun oħxon tal-laħam u l-ġewwieni; *greaves* |
| 23.02 | Nuħħala, *sharps*, u fdalijiet oħrajn iksuba mit-tgħarbil jew mill-ipproċessar ta' ċereali jew ħxejjex leguminużi oħrajn: |
| | B. Minn ħxejjex leguminużi |
| 23.03 | Polpa tal-pitravi, bagasse u skart ieħor mill-manifattura taz-zokkor; birrerija u distillazzjoni ta' fdalijiet u skart; fdalijiet mill-manifattura tal-lamtu u fdalijiet simili: |
| | A. Fdalijiet mill-manifattura tal-lamtu mill-qamħirrum (minbarra likuri konċentrati tat-tgħaddis), b'kontenut ta' proteina, kkalkulat fuq il-prodott niexef |
| | II. B'piż ta' mhux aktar minn 40 %: |
| | B. Oħrajn: |
| | II. Oħrajn |
| 23.06 | Prodotti li joriġinaw mill-ħxejjex tat-tip użati għall-għalf tal-annimali, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor: |
| | A. Ġandra, qastan salvaġġ u l-pomace jew il-karfa tal-frott |
| | II. Oħrajn |
| | B. Oħrajn |
| 23.07 | Għalf ħelu; preparazzjonijiet oħrajn tat-tip użati għall-għalf tal-bhejjem: |
| | A. Ħut jew sustanzi li jinħallu mill-mammiferi tal-baħar |
| | Ċ. Oħrajn |

*ANNESS II*

| Numru tal-insestatura TDK | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Rata ta' dazju | |
|---|---|---|---|
| | | % Awtonomu jew levy (L) | Konvenzjonali % |
| 1 | 2 | 3 | 4 |
| 01.04 | Nagħaġ u mogħoż ħajjin: | | |
| | A. Speċi domestiċi: | | |
| | I. Nagħaġ: | | |
| | (a) Annimali tat-tgħammir ta' razza pura ([a]) | Xejn | Xejn |
| | (b) Oħrajn | 15 | – |
| | II. Mogħoż: | | |
| | (a) Annimali tat-tgħammir ta' razza pura ([a]) | 5 | – |
| | (b) Oħrajn | 5 | – |
| | B. Oħrajn | Xejn | – |
| 07.05 | Ħxejjex leguminużi mnixxfa, bil-qoxra, kemm jekk imqaxxra jew maqsuma u kemm jekk le: | | |
| | A. Għaż-żriegħ: | | |
| | I. Piżelli (inklużi ċiċri) u fażola (tal-ispeċi Phaseolus) | 10 | 4.5 |
| | II. Għads | 7 | 2 |
| | III. Oħrajn | 7 | 5 |
| | B. Oħrajn: | | |
| | I. Piżelli (inklużi ċiċri) u fażola (tal-ispeċi Phaseolus) | 10 | 4.5 |
| | II. Għads | 7 | 2 |
| | III. Oħrajn | 7 | 5 |
| 15.02 | Grass tal-bhejjem tal-fart, nagħaġ u mogħoż, mhux proċessat; grass proċessat jew estratt bis-solventi (inkluż "premier jus") miksuba minn dak il-grass mhux proċessat: | | |
| | A. Għal użu industrijali minbarra l-manifattura ta' prodotti tal-ikel għall-konsum tal-bniedem ([a]) | 2 | Xejn |
| | B. Oħrajn | | |
| | I. Grass mhux proċessat tal-bhejjem tal-fart; grass proċessat jew estratt bis-solventi (inkluż "premier jus") miksuba minn dak il-grass | 10 | 7 |
| | II. Grass mhux proċessat tan-nagħaġ; grass proċessat jew estratt bis-solventi (inkluż "premier jus") miksuba minn dak il-grass | 10 | 7 |
| | III. Oħrajn | 10 | 7 |
| 23.03 | Polpa tal-pitravi, bagasse u skart ieħor mill-manifattura taz-zokkor; birrerija u distillazzjoni ta' fdalijiet u skart; fdalijiet mill-manifattura tal-lamtu u fdalijiet simili: | | |
| | A. Fdalijiet mill-manifattura tal-lamtu mill-qamħirrum (minbarra likuri konċentrati tat-tgħaddis), b'kontenut ta' proteina, kkalkulat fuq il-prodott niexef | | |
| | I. B'piż ta' aktar minn 40 % | 27(L) | – |
| | II. B'piż ta' mhux aktar minn 40 %: | Xejn | Xejn |
| | B. Oħrajn: | | |
| | I. Polpa tal-pitravi, bagasse u skart ieħor mill-manifattura taz-zokkor | Xejn | Xejn |
| | II. Oħrajn | Xejn | Xejn |

([a]) Id-dħul taħt din l-intestatura hija suġġetta għall-kondizzjonijiet li jridu jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti